# 100 Sena minn Meta ġew is-Soriiiet Franġiskani fin-Nadur

*Fost il-Komunitajiet li hawn fil-Parrotta tagħna, ta' min isemmi fost l-oħrajn, ilKomunita' tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu', Komunita' li mhux biss ilha fin-Nadur daqs tant snin, imma li tat kontribut kbir lill-Parrotta tagħna.*

***Kummentatur***. *Magħna għandna lil Mons. Guieppi Cauchi, li għal diversi snin qabel daħal fis-Seminarju, kien jagħti servizz bħala abbati fil-Kappella ta' dawn isSorijiet. Biex infakkru il-ħidma ta' din il-Komunita' fil-Parrotta tagħna, ser nagħmlulu xi mistoqsijiet dwarhom.*

*Dun Gużepp, meta bdiet il-ħaiia tas-Soriiiet Franġiskani fin-Nadur?*

Il-Ħajja ta' din il-Komunita' fil-parroċċa tagħna taf il-bidu tagħha mitt sena ilu, preċiżament fil-bidu tas-sena 1917, meta s-Sur Karmelu Mejlaq, qarib tat-tielet Artipriet tan-Nadur, il-Kanoniku Toninu Camilleri, u li kien ukoll piżatur pubbliku, Benefattur kbir mhux biss ta' dawn is-Sorijiet, imma tal-Parroċċa kollha, xtaq jagħmel opra Soċjali, Opra li permezz tagħha sar strument f'idejn Alla ħalli fin-Nadur ikun hawn Dar tas-Sorijiet. Saret stedina lis-Sorijiet Terzjarji Frangiskani li llum nafuhom bħala s-*Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu*

Is-Sur Mejlak, offra dar spazzjuża li kienet propjeta' tiegħu fi trejqa li mill-Pjazza Arċipriet Martin Camilleri tieħu lejn Triq Xandriku. Offerta ta' dar, li Karmelu xtaq li fiha s-Sorijiet jiftħu skola għat-tfal subien u bniet ta' bejn it-tlieta u disa' snin, biex anke meta jikbru, speċjalment il-bniet, jibqgħu jieħdu edukazzjoni spiritwali fi ħdanha .

L-istess Benefattur ħalla f'idejn l-lsqof Djoċesan, biex jekk dawn is-Sorijie xi darba jsibu diffikulta' li jibqgħu jgħallmu, huma jkunu fil-liberta' li jkomplu jiommu din id-dar għall-ġid tal-Poplu Naduri, anzi kien iżjed dar, meta ħalla li sakemm dawn is-Sorijiet jibqgħu jkunu ta' ġid għall-parroċċa ħadd ma jkun jista jċaħħadhom minnha. L-istess Benefattur ħalla fuq din id-dar, piż ta' quddiesa bil-preżenza tat-tfal li kienu jattendu l-iskola tas-Sorijiet.

Meta s-Sur Mejlak għamel din l-offerta hekk ġeneruża lis-Sorijiet Frangiskani, kien żmien ta' għaks kbir, qegħdin nitkellmu fil-bidu tas-Seklu 19. Għalhekk

biex dawn is-Sorijie setgħu jgħixu u fl-istess ħin iżommu u jmexxu skola, kien jeħtiġilhom jitolbu xi forma ta' ħlas minn għand il-ġenituri tat-tfal afdati f'idejhom.

Dak in-nhar, bħala Superjura Ġenerali ta' dawn is-Sorijiet imwaqqfa mill-Venerabbli Madre Margerita De Brincat, kien hemm Madre Nazzarena M. Gouder, li fuq parir tal-Arċipriet Dun Martin Camilleri, fit-23 ta' Marzu ta' l-istess sena għamlet rikors lill-E.T. Mons, Giovanni M. Camilleri Isqof Djoċesan; Mhux biss il-Kunsill tas-Sorijiet aċċetta bil-ferħ din l-offerta, imma saħansitra Mons. Camilleri minn naħa tiegħu aċċetta t-talba tas-sorijiet u ta l-kunsens tiegħu wkoll.

***Kummentatur**. Meta fetħet eżatt din l-iskola fin-Nadur?*

F'inqas minn tliet xhur minn meta l-Kunsill tas-Sorijiet ippreżenta it-talba u Mons. Isqof Camilleri aċċettaha, propju fit-8 ta' Gunju tal-istess sena, l-għada tal-Festa tal-Korpus saret l-inawgurazzjoni tad-Dar, li bħala Superjura tagħha, l-istess Kunsill għażel u qiegħed lil Sr. Rożalija Vella, li flimkien ma' żewg sorijiet li kienu Sr. Romana Mercieca u Sr. Kostantina Galea fetħu d-dar biex bdew ukoll it-tagħlim tat-tfal, waqt li Sr. Ludwina Briffa bdiet tgħallem il-ħjata u Sr. Tereża Briffa l-bizzilla. Tagħlim li tat-ħeġġeġ lix-xebbiet Nadurin, li malajr din id-dar saret skola li ħalliet ħafna ġid fil-Parroċċa tagħna.

Għal dan il-għan, fit-30 ta' Lulju tas-sena 1917, waqt mawra li għamel għand dawn is-Sorijiet Lord Gerald Strickland, irregalalhom magna tas-suf, waqt li bintu għoġobha toffri l-għajnuna kollha tagħha biex hi stess tgħallem din is-sengħa tas-suf.

Biżżejjed ukoll wieħed jgħid li, n-numru tat-tfal li bdew imorru għat-tagħlim għand is-Sorijiet, kien ta' mhux inqas minn 160 tifel u tifla.

***Kummentattur:*** *F'din id-dar wieħed għadu jara sal lum Kappella. Agħtina iekk igħoġbok xi tagħrif dwarha.*

Iva. F'din id-dar Ilum hemm ukoll Kappella tassew ħelwa u akkoljenti. Kappella li mhux minn dejjem kienet hekk. Jiena niftakar meta bħala abbati kont ngħin il-quddiesa ta' kuljum, il-kappella kienet tasal sa fejn illum hemm il-kolonni . Minn dawk il-kolonni 'il gewwa kienet klassi li fiha wkoll ħadt l-ewwel edukazzjoni meta kont tfajjel żgħir. Dak iż-żmien bħala Superjura tad-Dar, niftakar kien hemm Madre Krispina. L-aħħar li ltqajt magħha u tkellimna fit-tul dwar dawk iż-żmienijiet, kien f'Ruma fid-Dar tagħhom f'Via Iberia.Illum naħseb li din s-soru li qattgħet żmien twil minn ħajjitha hawn fil-paroċċa tagħna, tinsab tgawdi 'l-Alla għall ħidma li wettqet bħal Soru Franġiskan.

Din il-Kappella hija ddedikata lil Madonna tal-Karmnu (aktarx b'tifkira tal-Benefattur Karmnu Mejlak). Imma skond rappot li għandi f'idejja tal-Viżti Pastorali li bħala Vigarju tal-lsqof, l-Arċipriet tan-Nadur kien jagħmel fil-Parroċċi tal-Lvant, ċioe' dawk tan-Nadur, Għajnsielem Qala u Kemmuna, din il-Kappella f'dawk iż-żminijiet kienet tisssejjaħ "*Tal-lmmakulata Kunċizzjoni*".

Ta' minn isemmi wkoll li f' din l-istess Kappella, fl-ewwel xhur, ċioe' fil-5 ta' Novembru tas-sena 1917, Sr. Gemma Camilleri li aktar tard kienet kemm-il darba Superjura tal-Komunita', u li fiha għexet l-aħħar snin ta' ħajjitha sakemm mietet, kienet għamlet il-Professjoni Perpetwa tagħha bħal Soru Franġiskana.

L-Arċipriet Toninu isemmi f'waħda mill-Visti Pastorali li bħal l-Arċipriet ta' qablu, Dun Martin Camilleri kien jagħmel u dan nista' nixhdu jien stess minn rapport li jinsab ukoll f'idejja, isemmi li l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, sejjaħ lil din il-Kappella *"Oratorju Pubbliku ddedikat lill-lmbierka Verġni tal-Karmelu".* Kif sal-lum għadha magħrufa.

F'din il-Kappella niftakar meta kont abbati kienu jsiru wkoll il-laqgħat tal-*Figlie di Maria*. Niftakar sewwa wkoll l-Festa li ta' kull sena kienet issir ad unur ta' Santa Agnese, li fiha kíenu jagħmlu l-wegħdiet u jingħataw il-medalja tal-qaddisa.

***Kummentattur:** Barra t-tagħlim lit-tfal u xebbiet Nadurin, dawn is-Soriiiet wettqu xi ħidma oħra fin-Nadur?*

Ma nixtieqx inħalli barra l-għajnuna li dawn is-Sorijiet sa mill-miġja tagħhom hawn fin-Nadur kienu u għadhon jagħtu lill-Knisja Parrokkjali llum il-Bażilka ddedikata lil Appostli San Pietru u San Pawl ?

Sintendi, barra l-ħidma tas-Sorijiet li diġa' tkellemna dwarha, huma sa mill-bidu nett kellhom f'idejhom it-tagħlim tad-duttrina lit-tfal kollha tan-Nadur, anke dawk li ma kienux jattendu l-lskola tagħhom.

Jiena niftakar żewġ sorijiet li ta' kull fil-għaxija, għall-ħabta tal-3.45 fil-għaxija. kienu jħallu l-kunvent u jmorru fil-Knisja biex flimkien ma' nisa tal-Mużew u oħrajn, jiġbru l-istudenti kollha wara l-iskola għat-tagħlim tad-duttrina. Kien ikun hemm klassi f'kull arkata tal-Kursija u quddiem l-artali ta' San Gużepp u San Koronatu. L-Arċipriet idur madwar il-Knisja kollha biex iżomm l-ordni u kull tant jistaqsi xi mistoqsijiet tal-Katekiżmu lilna t-tfal. Maż-żmien din id-drawwa nqatgħet u t-tagħlim tal-Katekiżmu kien isir mis-saċerdoti nadurin fl-iskola wara il-ħin. Illum għandna l-għaqdiet għal dan ix-xogħol.

Xogħol ieħor li kienu u sal-lum għadhom jagħmlu s-Sorijiet tagħna, hu l-indafa u t-tiwija tal-paramenti sagri tas-saċerdoti u tal-Knisja kollha. Ta' kull ħmistax konna nieħdu borża kopuraturi, purifikaturi u xi alba jew spellizza biex is-sorijiet jaħsluhom u jgħadduhom ukoll. Wara l-Festa Titulari, konna nduru l-apparti u trieħi wżati biex fejn ikun hemm bżonn jirrangawhom għas-sena ta' wara. Sintendi "*l-bniedem li jaħdem ħaqqu ħlasu*" u għalhekk l-Knisja kienet tħallas lis-Sorijiet ta' dan ix-xogħol kollu li b'dedikazzjoni u diliġenza kienu jagħmlu.

***Kummentatur**: Għidilna xi ħaġa dwar il-Benefattur tas-Soriiiet - Karmelu Meilak.*

Li Karmelu kien benestant u piżatur Naduri kif ukoll Benefattur ta' ħafna istituzzjonijiet oħra diga' għidtu. Kien imfittex ħafna għall-pariri li kien jagħti. Kien jiswa għal kulħadd bil-pariri siewa li għax kien jħobb lill-proxxmu tiegħu bħalu nnifsu. Hu kien jgħix f' dar fil-Pjazza Arċipriet Dun Martin Camilleri. liema dar dan l-aħħar nxtrat u tbidlet f'lukanda u restauranti. Wara ħajja twila

jagħmel il-ġid billi juża tajjeb it-talenti kollha li tah il-Mulej, hu miet fit-8 ta' Frar 1941 fl-aħħar gwerra dinjija. Imma, għalkemm fi żmien ta' gwerra, kien sarlu kif kien xieraq, funeral kbir għall-ġid li wettaq.

Ħadu sehem f'dan il-funeral, il-Patrijiet Novizzi u terzjarji tal-Franġiskani Minuri li telgħu mill-Kunvent tagħhom ddedikat lil Sant Antnin fl-Imġarr. Sintendi, ħadu sehem numru kbir ta' Sorijiet Frangiskani, immexxijin mill-Madre Generali Nazzarena Gouder, dik li Iaqgħet it-talba tas-Sur Mejlak u ppreżentat lil Mons. Isqof Giov. Maria Camilleri r-rikors dwar l-offerta imsemmija tad-dar tagħhom fin-Nadur. L-Arċipriet tan-Nadur il-Kanoniku Dun Gużepp Cassar stqarr li "*Dal-lejl tlifna Benefattur kbir tal-Knisja u tar-raħal tagħna".* Niftakar ukoll ritratt ta' dan il-Benefattur imdendel fis-Sagristija tal-Bażiilka tagħna, ritratt li tpoġġa hemm mill-mibki Arċipriet Cassar.

***Kummentatur**: Jekk issemmi d-Dar tas-Soriiiet tan-Nadur, mill-ewwel tiġik f'rasek Madre Gemma. Għidilna xi ħaġa dwar din is-Soru ta' fama qaddisa.*

Wara li Suor Ġemma Camilleri li fil-bidu tal-ħajja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur, għamlet il-Professjoni Perpetwa fil-Kappella tal-istess dar, ġiet mibgħuta mill-Kunsill tas-Sorijiet bħala Superjura ta' Dan Sant Anna fil-Belt tal-Isla Malta, fejn ħadmet b'imħabba kbira biex tgħin lin-nisa rikoverati f'din id-dar. Hemm hija kienet ukoll tgħallem il-Katekismu lit-tfal tal-post.

Minn hemm, Madre Gemma fit-12 ta' Mejju 1972 ġiet mibgħuta f'Ruma l-Belt Eterna, fejn għal 8 snin sħaħ hija mexxiet id-Dar tas-Sorijiet li għandhon f'Via Iberia. Kien f'dan il-perjodu, li Madre Gemma ġiet eletta Kunsillier fit-XII-il Kapitlu Ġenerali .

Minn Ruma, hija ġiet Għawdex fejn għal 9 snin sħaħ serviet bħala Superjura tal-*Casa Madre* fil-Belt Victoria. Minn hemm, Madre Ġemma sabet ruħha fid-Dar tan-Nadur. Lil din id-dar li kienet nieqsa minn ħafna affarijiet essenzjali, Madre Gemma tatha dehra ġdida, billi daħlet fiha s-sistema tad-dawl u l-ilma, ħadet ħsieb ukoll li jkun hemm Rediffusion u affartijiert oħra neċessarji biex is-sorijiet jgħixu f'dar diċenti. Bniet u irranġat xi kmamar ġodda u b'ħafna tbatija, irnexxielha saħansitra tasfalta t-triq ta' quddiem il-Kunvent tagħhom.

Madre Gemma kemm meta kienet tiflaħ, u b'mod speċjali meta kienet mixħuta fis-sodda, qatt ma waqfet tagħmel il-ġid. Daħlet ħafna devozzjonijiet fil-Kappella tagħhom,speċjalment kabbret id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija, (niftakkru li kienet imsejħa Madre Gemma tal-Ewkaristija) u lejn il-Madonna. Kont naraha wara t-tqarbin ta' kuljum f'gabra tassew kbira, meta kienet għadha f'saħħitha, kienet tgħaddi siegħat quddiem Ġesu' Ewkaristija.

Meta mardet u ma kienitx għadha tiflaħ, mis-sodda tal-mard tagħha, kienet tagħmel missjoni kbira. Kienu ħafna dawk is-sorijiet u anke sekulari li ta' kuljum konna naraw iħabbtu l-bieb tal-kunvwent tagħhom biex jitolbuha pariri u oħrajn isibu fiha konsolazzjoni fin-niket u s-slaleb tagħhom.

Madre Gemma ħalliet dan il-wied tad-dmugħ nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu 1973 fl-eta' ta' 84 sena, il-biċċa kbira minnhom bħala religjuża Franġiskana li ħabbet'l Alla u lill-Madonna, sintendi lil Qaddisin Patruni tagħna u lin-Nadur.

L-għada fil-għodu l-fdalijiet tagħha tqegħdu fil-Kappella u serbut ta' nies mhux biss Nadurin, imma sorijiet, saċerdoti u nies minn Malta u Għawdex marru jagħtuha qima. It-Tlieta 6 tax-xahar, sarilha funeral fil-KoIleġġjata tagħna li għalih attendiet folla kbira. Wara imbgħad, f'korteo kbir ta' karozzi, il-katavru tagħha ġie meħud fil-*Casa Madre*, fejn l-istess. folla kbira ta' nies marru jagħtuha l-aħħar tislima, biex imbagħad ġiet midfuna fil-kripta ta' l-istess dar.

Fost il-ħafna ġid li gawdiet il-parroċċa tagħna, minn din l-opra kbira li jgħin Karmelo Meilak bl-offerta sabiħa li għamel lis-sorijiet Franġiskani, nixtieq insemmi li mhux inqas minn wieħed u għoxrin (21) vokazzjoni reliġjuża franġiskana ħarġu minn Nadur. Ta' min isemmi reliġjużi bħal Sor Anastasia, li marret il-missjoni, lil Madre Bertilla Bartolo (maħtura darbtejn Madre Ġenerali) li ħadmet fil-Villa Musumeci sptar ġewwa Messina fejn ħafna Maltin kienu imorru għax kien jafu bil-ħidma tagħha.

It-Tifkira tagħha ma intesiet qatt. Diversi devoti tagħha baqgħu jmorru fuq il-qabar tagħha jitolbuha.

Il-Kappella ta' din id-dar tan-Nadur kellha, (niftakar jien) Tliet Retturi jieħdu ħsiebha. Il-Kan. Dun Karm Falzon, maħtur Rettur mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi fis-sena 1926. Hu miet malajr b'attakk f'qalbu fil-21 ta' Lulju 1953. Madre Gemma ħalliet miktub fil-Kronaka tad-dar:- "*La sua memoria non si cancella*

*mai in questa casa*". Warajh Mons. Ġużeppi Pace, ħatar bħala Rettur lil Kan. Mons. Pawlu Mejlak li beda jieħu ħsieb is-Sorijiet fil-Festa tal-Assunta tas-sena 1953, u l-istess, dan dam bħala Rettur tal-kappella tal-Karmnu kważi sittin sena, sas-sena 2010. Warajh, Mons. Mario Grech ħatar lil Mons. Salvu Pace li għadu sal-lum jieħu ħsieb.

***Mons. Ġużeppi Cauchi***
*April 2017*